# Il-Ħajbu

Antoine Cassar

Ilbieraħ tfaċċa l-ħajbu.

Werċ, imbaċċaċ,
ġildtu lewn l-uffiċċju,
leħjitu ntiena ta' rmied,
jisraq in-nuċċalijiet, iżda ma jilbishomx,
iwaħħax il-baqar b'leħnu nażali,
jonsob għall-għasafar fix-xagħri
biex jiklilhom ġwinħajhom,
selettiv, b'ponot difrejh jgħodd b'delikatezza
il-petali tal-margeriti
biex ileflef biss il-fjuri farrada,
kif jaqbdu l-għatx, fid-dalma t'idu jagħsar
għajnejn it-tfajliet sbieħ
biex ilaqqat id-dmugħ,
u xebgħan, b'siequ mġandra
jkisser il-qlub, biex inaddaf
il-ħofor ta' snienu bil-frak.

Mat-tokk tat-tlieta
għandek imnejn tinzertah
fuq iz-zuntieri tal-irħula

isallab il-qtates tal-madonna,
fl-ogħla waqtiet tal-imħabba
arah ifiġġ biex idellek il-qawsalla
b'sebgħu taċ-ċomb,
u jekk ma noqgħodx attent, jekk ma nħarisx warajja,
ma' kilwa u oħra jwaħħalli t-tnalji
biex ikexkixli ġismi kollu
b'kurrenti ta' niket,
jiżbuxxlani, iċarratli farrett taħt żaqqi
ħa jmexmixli l-vixxri,
u jaqla' mill-ħotba l-beżgħat ivvintati
biex jibni kontrihom
korazza kollha xewk.

Qalbi, tibża' xejn.
Sieħeb tad-dlamijiet, il-ħajbu jitwerwer
minn dellu qasir,
fil-mera lanqas biss jidher,
onfoħ fuqi u arah ilebbet 'il barra
bla ebda traċċa,
karikatura tal-istrixxikli, b'dak imnieħru aħdar
u jdejh ta' bla tikmix
l-aħjar li niddieħqu bih,
aqwa u asaħħ minnu l-imħabba tagħna,
nistgħu ma nikkalkulawhx,
ma jeżistix.

Ja ħajbu! Barra minn fuqna,
mill-għatba 'l ġewwa m'intix mistieden,
mingħalik li tista' twerwirna
b'dawk l-iskieken tiegħek ta' kuluri
li ħadd qatt ma rahom fuq tavlozza,
mur għir għall-anġli u għax-xjafek, jekk ma tafx ittir,
jew deffes rasek taħt il-ħerża,
postok il-bir battal
tal-istħajjil.

Kif jagħmlu t-tfal biex ikeċċu
il-babaw u l-iħirsa,
bil-leħen tagħna t-tnejn intennu ismek
sa jitgerfex fi lsienna
u jisfa bla sens u tad-daħq.
Il-ħajbu l-ħajbu l-ħajbu
l-ħajbu l-buħaj il-ħubaj
ħibù bubù ħaħaj
ħiħù buħì babaj
ħaħaj babaj
babaj ħaħaj
ja ħajbu babaj
ħaħaj ja ħajbu ħaħaj babaj...

Intix tara, ja ħajbu,
għalxejn tipprova ġġellidna,
iktar ma tniggeż iktar tqarribna,
u ta' dan, kieku teżisti,
kieku kieku nitbissmulek
u nizzuk ħajr.